MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 517/2001/1

**Joseph Cassar**

**v.**

**Edward Ferriggi**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell, interpost mill-attur Joseph Cassar, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2002 u li permezz taghha kienet cahdet it-talbiet attrici. Il-kawza tirrigwarda incident awtomibilistiku ossia kollizjoni bejn vettura misjuqa mill-attur (*minibus* hamra ta'

ghamla Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni GMY040) u ohra misjuqa mill-konvenut (Ford Mondeo bin-numru ta’ registrazzjoni DGY044). Il-kollizjoni – li halliet biss hsarat fuq il-vetturi, is-sewwieqa u l-passiggieri ma gralhom xejn – sehhet fl-inkrocju f’Hal-Balzan bejn De Paule Avenue u Old Railway Street.

Fic-citazzjoni promotrici, l-attur jallega li il-konvenut, waqt li dan kien qed isuq il-vettura Ford Mondeo f’De Paul Avenue fis-17 ta’ Frar 2000, bi traskuragni, b’negligenza u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura tieghu (cioe` tal-attur) u kkawzalu hsarat fiha. Ighid li l-konveut, ghalkemm interpellat biex ihallas id-danni kagunati, baqa’ inadempjenti. L-attur ghalhekk talab lill-Prim Awla (1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali kagunati fil-*minibus*, (2) tillikwida d-danni sofferti minnu (mill-attur), u (3) tikkundanna lill-konvenut ihallsu d-danni hekk likwidati bl-imghaxijiet relattivi. Il-konvenut cahad kull addebitu.

Bhala fatt jirrizulta[1] li fil-gurnata in kwistjoni (17 ta’ Frar 2000 – gurnata tal-Hamis) l-attur kien gej minn Old Railway Street bl-intenzjoni li jikser ghal De Paul Avenue u jigbed l-isfel lejl il-Palazz ta’ San Anton. Il-hin kien ghall-habta tat-8.00 ta’ filghodu. Dak il-hin kien hemm kju traffiku tiela bil-mod De Paule Avenue fid-direzzjoni tat-*traffic lights* li hemm aktar ‘l fuq. Huwa waqaf fuq l-i*stop sign* li hemm fejn Old Rialway Street tizbokka fuq De Paule Avenue. Zewg vetturi li kienu f’dan il-kju waqfulu biex huwa jkun jista’ jaqsam il-karreggjata taghhom u jidhol fil-karreggjata l-ohra ta’ De Paul Avenue (jigifieri dik li tiehu fid-direzzjoni tal-Palazz ta’ San Anton). L-attur kompla jippuntwalizza d-dinamika tal-kollizjoni hekk (affidavit tal-attur, fol. 27 sa 30):

---

[1] Jigi precisat li l-konvenut, ghajr ghad-dikjarazzjoni guramentata tieghu presentata man-nota ta’ l-eccezzjonijiet, baqa’ ma ressaqx provi (ara verbal ta’ l-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2002, fol. 45). Effettivament huwa anqas ma wiegeb ghar-rikors ta’ appell tal-attur. Id-dikjarazzjoni guramentata tieghu appena msemmija tghid hekk riferibbilment ghall-meritu: “…it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi kien l-attur stess li kkaguna l-incident meritu ta’ dina il-kawza meta baqa’ hiereg minn fuq ‘stop-sign’ u baqa’ diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenut” – ara fol. 21.

**“Dak in-nhar, pero`, li gara kien li sakemm jien hrigt u bdejt naqsam bil-mod il-parti tax-xellug ta’ Depaule Avenue telghet il-karozza Ford Mondeo fuq imsemmija bi velocita` qawwija u qabzet il-kju ta’ karozzi li kienu waqfuli sabiex jien nohrog u naqsam it-triq. Il-karozzi li kienu fil-kju dak il-hin kollha waqfuli ghalhekk ma bsartx li ha titla xi vettura ohra bi velocita` qawwija u taqbez il-vetturi l-ohra fil-kju. Il-Ford Mondoe mhux talli ghamlet hekk izda ma waqfitx u sahansitra qasmet *wrong side* tat-triq fuq in-naha l-ohra minn fejn jinzlu l-karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Minn naha tieghu s-sewwieq tal-Ford Mondeo ma setghax ma raniex minhabba l-gholi tal-minibus ahmar li jispikka.”** (fol. 28)

Din il-versjoni hija korroborata kemm mix-xhud Therese Attard (fol. 31) li kienet riekba fil-*minibus* kif ukoll – safejn il-posizzjoni ta’ kif waqfu l-vetturi tista’ tikkorrobora d-dinamika tal-incident – ir-ritratti li gew mehuda minn Natalino Agius (ara affidavit a fol. 43) u li jinsabu ezebiti a fol. 10, 11 u 12 tal-atti. Kjarament dawn ir-ritratti juru l-posizzjoni tal-vetturi (inkluzi vetturi parkeggjati) ferm aktar preciz milli jaghmel l-iskizz tal-pulizija (fol. 9).

Issa, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici bazikament minhabba zewg konsiderazzjonijiet u cioe` li (1) l-attur kien hiereg minn triq sekondarja qed jaqsam triq principali u li allura kien jinkombi fuqu l-obbligu li jzomm *utmost proper lookout* u ma jaqsamx qabel ma jkun cert li ma jkunx ta’ xkiel ghall-vetturi li jkunu qed juzaw it-triq principali, u (2) li fil-parti fejn gara l-incident il-karreggjata ta’ De Paule Avenue <u>tiehu zewg vetturi jsuqu biswit xulxin</u>, b’mod ghalhekk li l-fatt li sewwieq ta’ vettura ghamillu sinjal, jew cedielu, biex huwa johrog mit-triq sekondarja u jaqsam il-triq principali ma kienx ifisser li vetturi ohra li kienu qed juzaw dik it-triq principali kellhom ukoll jieqfu. In fatti l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruhha hekk:

“Anke minn din id-deskrizzjoni biss ta’ kif gara l-incident, jidher li l-attur ghandu tort ta’ kif gara l-incident. Hu kien

hiereg minn wara 'stop sign' u jaqsam karreggjata ta' triq, u ma kellux jaghmel dan qabel ma jkun cert li jista' jaqsam it-triq kollha bla xkiel. L-attur ma kellu qatt johrog fil-*main road* semplicement ghax persuna ohra qaltlu li seta' jaghmel dan; hu kellu johrog wara li hu ikun accerta ruhu li t-triq hija talment libera li tippermettilu jaqsam l-istess triq minghajr ostakolu ghall-utenti tal-*main road*. De Paule Avenue hija triq relattivament twila, dritta u pjuttost wiesgha, b'mod li tiflah zewg karozzi jsuqu fiha biswit xulxin [2]. Hija triq ukoll pjuttost traffikuza (kif ammetta l-istess attur) u fejn biex taqsamha trid, allura, attenzjoni u prudenza massima. Jekk karozza wahda waqfet biex tippermetti lill-attur jsuq, dan ma kellux jippretendi li kellu jieqaflu kulhadd, jew li t-triq kienet kollha libera; kellu johrog bil-mod sal-karozza li waqfitlu, u ma jkomplix isuq *across the lane* qabel ma jhares lejn il-lemin u jara li triq hija libera. L-attur, meta dak li hu ghamillu s-sinjal, ma kellux jaqbad u johrog ghal ghonq it-triq minghajr ma jesplora sew it-triq."

L-attur appellant, min-naha tieghu, baqa' jinsisti li huwa kien prudenti ghall-ahhar meta gie biex jaqsam De Paule Avenue, u li qatt ma kien tenut jipprevedi li jkun hemm xi hadd qed jaqbez b'certa velocita` il-kju tal-vetturi sejrin fid-direzzjoni tat-*traffic lights*.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur f'dan il-kaz ghandu ragun. Ghalkemm huwa minnu li fil-parti ta' De Paule Avenue fejn grat il-habta, il-karreggjata "tiflah zewg karozzi jsuqu fiha biswit xulxin" – fis-sens li hemm spazju fejn zewg karozzi jinsaqu biswit xulxin – dik il-parti tal-karreggjata la hi intiza u anqas hi adattata biex zewg vetturi hekk jinsaqu. Fil-parti fejn grat il-habta, anke jekk ma jkux hemm (kif fil-fatt kien hemm – ara r-ritratti) karozzi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug (cioe` fejn hemm id-djar), l-ispazju hu limitat b'mod li ebda sewwieq prudenti ma ghandu anqas jghaddilu minn mohhu li jaghmel manuvra ta' sorpass. Huwa veru li aktar 'l fuq f'De Paule Avenue, fejn hemm it-

[2] Din il-frazi qed tigi sottolineata minn din il-Qorti, cioe` mill-Qorti ta' l-Appell.

*traffic lights*, hemm linji bojod li joforqu l-karreggjata biex wiehed jimbokka jew il-fetha ghax-xellug (ghall-Marsa) jew dik tal-lemin (ghall-Mdina); pero` aktar ma tmur 'l isfel (lejn il-Palazz ta' San Anton) il-karreggjata li minna kien tiela' l-konvenut tindikalek bl-aktar mod car mill-istess konfigurazzjoni taghha li hija intiza ghal serbut wiehed ta' vetturi, ghaddejjin wara xulxin, u li ghalhekk ma hijiex *dual* jew *double carriageway*. Il-fatt li ma hemmx sinjali bojod fil-karreggjata tali karreggjata doppja huwa wkoll sinjifikanti. Fi kliem iehor, ghalkemm huwa minnu li l-attur appellant kien gej minn triq sekondarja qed jaqsam karreggjata ta' triq principali biex jidhol fil-karreggjata l-ohra (fid-direzzjoni tal-Palazz) tal-istess triq principali, huwa ma kellu ebda raguni ghala jahseb li xi hadd ghandu jipprova "jaqbez il-kju" tal-vetturi li kienu waqfulu proprju biex huwa jkun jista' jaqsam. Mill-provi jirrizulta li l-appellant waqaf fuq l-i*stop sign* kif kien obbligat li jaghmel, u meta l-utenti tat-triq principali waqfulu biex huwa jaqsam, huwa hekk ghamel bi prudenza. Bl-ebda mod ma jirrizulta mill-provi li l-manuvra li huwa ghamel kienet skonsiljata jew imprudenti jew li ma esplorax sew safejn wiehed kien jistenna li kellu jesplora. Kien azzardat u imprudenti, invece, il-konvenut li evidentement ra kif ghamel biex approfitta ruhhu mill-ftit spazju bejn il-vetturi li kienu waqfu u s-*centre strip* biex jaghmel manuvra skonsiljata ta' sorpass u jaqbez il-vetturi weqfin u jibqa' tiela b'certa velocita`. Din il-manuvra ta' sorpass ghamilha hu u javvicina inkrocju ta' triq – haga li hi skonsiljata ghall-ahhar. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ir-responsabbilta` ghall-kollizjoni hija tal-konvenut biss. Konsegwentement l-ewwel talba attrici kellha tintlaqa'.

Kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni, dawn jirrizultaw mill-ircevuti u dokumenti ohra prodotti mill-attur u b'ebda mod kontestati mill-konvenut. Il-*parts* gew jiswew sitt mija u sebgha u tletin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm637.63)[3] filwaqt li x-xoghol biex tissewwa l-*minibus* gie ghal mitejn u seba' (Lm207)[4]. Dawn iz-zewg ammonti gew konfermati bil-gurament fl-affidavit tal-attur (fol. 30). Kwantu, pero`, ghat-telf kagunat sakemm il-vettura kienet ghat-tiswija,

[3] Dokumenti a fol. 41.
[4] Dokument a fol. 39.

hemm divergenza bejn l-ammont indikat fl-affidavit – Lm200 – u dak indikat fid-dokument a fol. 40 – Lm243.48 – u ghalhekk din il-Qorti ser timxi fuq dik il-figura konfermata bil-gurament, cioe` ta’ Lm200. It-total, ghalhekk, jigi elf u erbgha w erbghin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm1,044.63).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in dizamina; tilqa’ t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ elf u erbgha w erbghin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm1,044.63); u tilqa’ t-tielet talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma ta’ Lm1,044.63 lill-attur, bl-imghax mid-data tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. L-ispejjez kollha, kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------